**14 ta' Jannar, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Caruana, Michael Vella, Francis Chircop, Philip Attard, Paul Mifsud, Carmelo Camilleri, Carmel sive Charles Dimech, Carmel Chircop, Philip Balzan, Philip Vella, Carmel Xuereb, Anthony Cortis, Anton Micallef, Anthony Saliba, Antoine Agius, Carmel Sghendo u Carmel Attard.

**L-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali - Reati li tagħmel minnhom il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*L-imputati mistoqsijin mill-Qorti x'jirrispondu dwar id-domanda jekk iridux jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati flok mill-Qorti Kriminali ma rrispondew xejn. X'isir f'każ bħal dan?*

Il-Qorti:-

Dan hu appell magħmul mill-Avukat Ġenerali minn deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru, 1984 fil-kawża bl-ismijiet premessi u li biha din il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gzira ta' Malta iddeċidiet li ma kellhiex kompetenza tittratta l-każ bi proċedura sommarja u ordnat li l-attijiet kollha tal-każ jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali li żmien tlett ijiem sabiex il-każ ikun iġġudikat skond il-liġi;

Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tesponi r-retroxena li wasslet għad-deċizzjoni appellata biex din is-sentenza tiftiehem aħjar;

L-imputati appellati bdew għaddejjin kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fuq diversi akkużi u jidher mill-proċess illi fit-28 ta' Mejju, 1984 wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar x'iġġib u l-imputati rriservaw li jġibu l-provi tagħhom fi stadju ulterjuri tal-proċediment, l-imsemmija Qorti ordnat li l-inkartament flimkien ma' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħtija imputata jintbagħat lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi u b'hekk tidher li ġiet konkluża l-kumpilazzjoni;

B'nota tas-17 ta' Lulju, 1984 l-Avukat Ġenerali wara li ra l-attijiet tal-Kumpilazzjoni u billi deherlu li mill-Kumpilazzjoni msemmija setgħet tinstab ħtija jew ħtijiet kontra l-imputati

kollha taħt dak li hemm maħsub fid-diversi artikoli tal-liġi indikati fl-istess nota, iddeċieda kif previst fl-artikolu 382(3)(a) tal-Kap. 12 li jibgħat lill-imputati biex jiġu ġudikati mill-imsemmija Qorti u bagħat lura ma' l-imsemmija nota lill-istess Qorti l-attijiet tal-Kumpilazzjoni sabiex dik l-istess Qorti f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputati skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 382(3)(d)(e) tal-Kap 12 tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra, jew, f'każ ta' oġġezzjoni, tipproċedi skond l-artikolu 382(3)(d) ta' l-istess Kap. 12. Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 1984 *quddiem* l-Ewwel Qorti id-difiża talbet differiment biex tkun tista teżamina l-proċess kollu u tiddeċidi *quddiem liema* Qorti l-akkużati għandhom jiġu ġġudikati *u l-Qorti ddifferiet il-kawża* għat-12 *ta'* Novembru, 1984;

Illi fit-12 ta' Novembru, 1984 l-imputati kollha għal darb'oħra ddikjaraw li għad fadallhom bżonn ta' aktar żmien biex jiddeċidu jridux jiġu ġġudikati bi proċedura sommarja jew le;

B'digriet ta' dak inhar stess (12.11.84) l-Ewwel Qorti rrilevat li f'dak l-istadju l-proċeduri kollha kellhom *isiru* quddiem il-Qorti li tirriżulta kompetenti skond kif jagħżlu l-istess imputati kif għandhom dritt skond il-liġi *u sadanittant* iddikjarat ruħha inkompetenti biex tagħti kull provvediment u laqgħet it-talba tad-difiża *u ddiferiet* l-kawża "*sine die*" *stante* li l-Maġistrat sedenti kien ser jivvaka l-kariga tiegħu minħabba li ser jagħlaq l-età *u ma* kellhiex seduti biżżejjed;

B'rikors tas-16 ta' Novembru, 1984 il-Kummissarju tal-Pulizija, filwaqt li rrileva li l-Ewwel Qorti kienet obbligata skond il-liġi li tgħaddi biex tiġġudika l-każ u li għall-kjarezza tal-pożizzjoni legali rrileva li skond l-artikolu 382(3)(a) l-ewwel

Qorti kellha tiġġudika lill-persuni mibgħuta quddiemha fil-każ li "ma jkunx hemm oġġezzjoni" minn dawk il-persuni u mhux jekk dawk il-persuni jekk jagħżlu u *stante* li l-akkużati ma għamlu ebda oġġezzjoni l-Qorti kienet obbligata skond il-liġi li tiġġudika l-każ tagħhom, talab li l-Ewwel Qorti immedjatament tirriappunta l-kawża u tgħaddi biex tiġġudika l-persuni akkużati;

B'digriet tas-16 ta' Novembru, 1984, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba msemmija u rriappuntat il-kawża għas-seduta tat-Tnejn, 26 ta' Novembru, 1984, għat-trattazzjoni tar-rikors imsemmi;

Fis-26 ta' Novembru, 1984 ġie ttrattat ir-rikors fuq imsemmi u l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għas-17 ta' Diċembru, 1984 għad-deċizzjoni dwar dan l-inċident, fil-każ illi l-imputati jerġgħu ma jiddikjarawx il-volontà tagħhom;

Fis-17 ta' Diċembru, 1984 l-imputati mistoqsija mill-Qorti x'jirrispondu dwar id-domanda jekk iridux jiġu ġġudikati minn dik il-Qorti bi proċedura sommarja, reġgħu ma irrispondewx;

B'deċiżjoni ta' l-istess data u ċjoè tas-17 ta' Diċembru, 1984 l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi fiċ-ċirkostanzi ddikjarat li ma kellhiex kompetenza tittratta l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ordnat li l-attijiet jintbagħtu mill-ġdid lill-Avukat Ġenerali biex il-każ ikun iġġudikat skond il-liġi (art. 382 (3)(d) Kod. Krim.).

Din id-deċizzjoni hija l-meritu ta' l-appell odjern u l-Ewwel Qorti waslet għaliha wara li:

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 1984 fejn l-imputati talbu

żmien biex jeżaminaw il-proċess qabel jiddikjaraw jekk għandhomx oġġezzjoni li dan il-każ tagħhom jiġi deċiż minn dik il-Qorti bi proċedura sommarja (Art. 382 (3)(b) Kod. Krim.);

Rat li fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija din il-kawża ġiet riappuntata għas-seduta tas-26 ta' Novembru, 1984 meta reġgħet tħalliet għas-seduta tas-17 ta' Diċembru, 1984 biex fil-każ li l-imputati jerġgħu jibqgħu ma jiddikjarawx espressament il-volontà tagħhom, jiġi deċiż dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 1984, l-Avukati ta' l-istess imputati interpretaw is-silenzju ta' l-imputati bħala rifjut għall-proċedura sommarja. L-Avukat Ġenerali, għar-raġunijiet minnu indikati sostna li fis-silenzju ta' l-imputati dik il-Qorti Inferjuri jkollha l-kompetenza u tkun obbligata li tiġġudika l-każ ta' l-imputati;

Ikkunsidrat:

"Li sallum għadda ż-żmien biżżejjed li l-Qorti tat lill-imputati u dawn (1) baqgħu ma għamlux id-dikjarazzjoni tagħhom meħtieġa għall-provvediment ta' l-artikolu 382(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u (2) il-linja ta' difiża meħuda mill-Avukati ta' l-istess imputati dwar dan l-inċident tispjega fiha nnifisha l-interpretazzjoni li jixraq tingħata u (3) li kull min irid jiġi ġġudikat bi proċedura sommarja mhux ser jonqos li ma jiddikjarax il-volontà tiegħu;"

Wara dan kollu l-Avukat Ġenerali għoġbu jinterponi il-preżenti appell u ddikjara fir-rikors opportun li qed jagħmel dan *in forza* ta' l-artikolu 425(1)(b)(i) tal-Kodiċi Kriminali u tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti;

L-Avukat Ġenerali appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tannulla, u tirrevoka "s-sentenza" appellata u tafferma li dik il-Qorti hija kompetenti tiġġudika lill-akkużati appellanti tar-reati msemmija fin-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Lulju, 1984 u li tittratta l-każ bi proċedura sommarja u tgħaddi biex tipprovdi ulterjorment skond il-liġi;

Quddiem din il-Qorti fis-seduta li saret nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Jannar, 1985 Dr. Demarco għall-appellanti kollha talab li l-appellant jiddikjara, jsostnix l-appell tiegħu abbażi ta' l-art. 425(1)(b)(i) tal-Kap. 12 kif pretiż fir-rikors ta' l-appell jew jekk hux qed jibbażah fuq xi ħaġa oħra;

Dr. Camilleri għall-appellant wieġeb li l-bażi ta' l-appell jinsab indikat fir-rikors ta' l-appell stess u ċjoè li l-appell qed isir *in forza* ta' l-art. 425(1)(b)(i) tal-Kap. 12 u tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti;

*In vista* tar-risposta ta' l-Avukat Ġenerali, Dr. Demarco għall-appellanti eċċepixxa l-inappellabilità tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja sedenti deċiż fl-4 ta' Ġunju, 1960, u sentenzi oħra hemm iċċitati u anki *Police* vs Carmelo Borg tat-28 ta' April, 1957 l-uniku mod kif dan il-punt jista' jiġi deċiż ikkonsidrata l-art. 425(1)(b)(i) u 440 tal-Kap. 12 hu li l-leġislatur ried li kull meta l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tiddeċidi li mhix kompetenti tieħu konjizzjoni ta' reat tkun iddeċidiet hekk bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura;

Illi *prima facie* forsi jista' jidher li dan hu spostament tal-kwistjoni iżda verament wara studju tal-kwistjoni din il-Qorti tħoss li Qorti li tiddeċidi li mhix kompetenti tiddeċiedi każ

bilfors tkun iddeċidiet f'vesti ta' Qorti ta' Ġudikatura u dana għaliex Qorti ta' Ġudikatura biss tista' tiddeċidi fuq il-meritu ta' każ fis-sistema tagħna u tiġġudika lil dak li jkun fuq l-akkużi dedotti. Fil-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li jekk toqgħod kif fil-fatt għamlet tifli d-diversi dispożizzjonijiet tal-liġi biex tara f'liema mument l-Ewwel Qorti ma baqgħetx Qorti ta' Istruttorja u saret Qorti ta' Ġudikatura tkun qed tinkorri l-periklu li ma tikkonsidrax fil-veru dawl tagħha l-iktar karatteristika fondamentali tal-kwistjoni u ċjoè li Qorti ta' Istruttorja fil-limiti tal-Kodiċi viġenti tista' tiddeċidi diversi kwistjonijiet iżda fin-natura tagħha stess ma tistax tiddeċidi li hi nkompetenti tiddeċidi l-meritu tal-każ għaliex bħala tali ma għandha qatt u ma tista' tiġi qatt mitluba tiddeċidi l-meritu tal-każ u mhu qatt fil-funzjoni tagħha li tiddeċidi l-meritu. Anzi kif hu saput jekk fil-kors tal-kumpilazzjoni anzi meta tingħalaq tasal għall-konkluzzjoni li r-reat dedott mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali imma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dik l-istess Qorti tikkonverti ruħha f'waħda ta' Kriminali Ġudikatura u tiddeċidi s-sentenza. Fil-fatt ma jistax jikkonkludi mod ieħor jekk wieħed jeżamina l-artikoli 415 u 440(1) u (2) tal-Kap. 12. Indipendentement minn dan hemm ħafna argumenti opposti li ġabu d-difensuri tal-partijiet u li jagħmlu ħafna sens jekk wieħed għal kull wieħed minnhom jieħu biss l-artikolu tal-liġi ċċitat. Iżda *in verità* kif ġà ngħad, din il-Qorti hi tal-fehma li jekk f'xi ħin il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija tkun xi tkun il-vesti li aġixxiet fiha sa dak il-ħin tiddeċidi li mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tal-meritu u tiddeċidi dik il-Qorti tkun bilfors qed tiddeċidi bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għax bħala Qorti ta' Istruttorja ma jista' qatt jkollha l-funzjoni tagħha deċiżjoni simili;

Japplika għalhekk għal dan il-każ dak li qalet din il-Qorti

fis-sentenza tagħha *sup cit in re* Borg Fredu u ċjoè f'każijiet simili d-dritt ta' appell da parti ta' l-Avukat Ġenerali huwa ritwalment radikat bl-art. 425(1)(b)(i) tal-Kap. 12;

Illi għal dawn il-motivi għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-appellabilità qed tiġi respinta;

Ikkunsidrat fuq il-meritu:

Illi skond l-Avukat Ġenerali din il-Qorti għandha tirrevoka s-sentenza appellata għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Bin-nota tiegħu tas-17 ta' Lulju, 1984, huwa eżerċita d-dritt diskrezzjonali u insindakabbli tiegħu li jibgħat lill-imputati sabiex jiġu ġġudikati mill-Ewwel Qorti fuq l-akkużi msemmija fl-istess nota "jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni" minn dawk il-persuni;

(b) Mill-atti tal-kawża mkien ma jirriżulta li l-imputati, jew xi ħadd minnhom, iddikjaraw li jsibu oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi ġġudikat mill-Ewwel Qorti;

(ċ) Għalhekk quddiem l-Ewwel Qorti ma kien hemm ebda oġġezzjoni mill-imputati li jiġu ġġudikati minnha;

(d) Għaldaqstant a terminu ta' l-artikolu 382(3)(a) tal-Kap. 12 l-Ewwel Qorti kienet kompetenti u kellha tgħaddi biex tiġġudika l-każ ta' l-imputati fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħhom, fin-nota tiegħu tas-17 ta' Lulju, 1984;

(e) L-artikolu 382(3)(c) b'ebda mod ma jikkontrasta mal-pożizzjoni legali kif imfissra hawn fuq. Inforza ta' dak l-artikolu

jekk l-imputati jwieġbu li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi ttrattat bi proċedura sommarja l-Ewwel Qorti immedjatament u definittivament issir kompetenti li tiġġudika l-każ bi proċedura sommarja;

(f) Jekk l-imputati ma jwieġbu xejn japplika l-artikolu 382(3)(a) li jipprovdi li l-Ewwel Qorti għandha tiġġudika lill-persuna akkużata mill-Avukat Ġenerali skond l-istess artikolu "jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna". Jekk l-imputati ma jwieġbu xejn l-Ewwel Qorti ma jkollhiex quddiemha oġġezzjoni mill-imputati. Għalhekk l-Ewwel Qorti tkun obbligata skond il-liġi li tgħaddi biex tiġġudika l-każ jekk l-akkużati jippersistu filli ma jwieġbu xejn wara żmien qasir li l-istess Qorti tista' tagħtihom għal dan il-għan;

(g) L-Ewwel Qorti invokat l-artikolu 382(3)(d) tal-Kap. 12 u ordnat l-attijiet fil-kawża jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali biex il-każ ikun iġġudikat skond il-liġi. Skond il-liġi, iżda, isostni, l-Avukat Ġenerali, l-każ irid, jiġi ġġudikat mill-Ewwel Qorti u għalhekk dik l-ordni hi għal kollox superfluwa. *Di fatti* l-artikolu msemmi jipprovdi li l-Qorti għandha tordna li l-attijiet jintbagħtu lill-appellant sabiex il-każ ikun iġġudikat skond il-liġi biss u unikament "jekk l-akkużat isib oġġezzjoni illi l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja". Minn dan hu evidenti, dejjem skond l-appellant, li jekk l-akkużat ma **jiddikjarax** li jsib oġġezzjoni allura l-Ewwel Qorti ma **tistax** tagħmel dak previst fl-art. 382(3)(d). L-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, tkun kompetenti li tiġġudika l-każ hi. L-akkużati qatt ma ddikjaraw li jsibu oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi ttrattat bi proċedura sommarja kif jippostula l-artikolu 382(3)(d) msemmi u għalhekk l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tiġġudika l-każ tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi bir-rispett kollu lejn l-argumenti kellha mressqa u żvolti mill-appellant din il-Qorti sempliċement ma tistax taqbel magħhom għax sostanzjalment neqsin minn ċerta loġika legali li fil-kamp penali hi ta' importanza fondamentali;

Infatti bl-artikolu 352(3)(c) jekk fiż-żmien utli li tkun tat il-Qorti, l-akkużat iwieġeb li ma hemmx oġġezzjoni da parti tiegħu li l-każ jiġi deċiż sommarjament, dik il-Qorti tirreġistra dik it-tweġiba bl-atti tal-proċess u "*thereupon the Court shall become competent to try the accused and shall proceed to give judgement forthwith as provided in section 389*";

Minn din id-dispożizzjoni fil-fehma tal-Qorti hu ċar daqs il-kristall illi kontrarjament għal dak li qed isostni l-appellant l-Ewwel Qorti tista' tgħaddi biex tiddeċiedi l-meritu f'każijiet bħal dan in eżami solament wara li l-akkużat ikun kategorikament wieġeb li ma jsibx oġġezzjoni li l-każ jiġi deċiż sommarjament u wara li dik il-Qorti tkun irreġistrat dik it-tweġiba. Sakemm ma jsirx dan, dik il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tiddeċiedi l-meritu tal-każ u l-uniku ħaġa li tista tagħmel hu jew toqgħod tistenna sakemm xi darba l-akkużat jiddeċiedi x'ser jagħmel (soluzzjoni din xejn rakkomandabbli) jew inkella kif għamlet l-Ewwel Qorti tasal għall-konkluzzjoni li dina *una volta* skadut it-terminu mogħti inutilment is-skiet tal-akkużat *stante* li ma jistax jammonta għad-dikjarazzjoni taħt l-art. 382(3)(c) bil-fors jekwivali għal oġġezzjoni. Dana għaliex jekk hemm xi ħaġa ċara f'din il-kontroversja din hija li l-kompetenza finali tal-Ewwel Qorti hi radikata mhux biss bid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali iżda anki bid-dikjarazzjoni espressa msemmija tal-akkużat u la din ta' l-aħħar hi nieqsa ma jistax isir dak li qed

jippretendi l-appellant;

Din il-Qorti għalhekk jidrilha li l-konklużżjoni tal-Ewwel Qorti *ma tistax tiġi skossa*;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti kollha jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali illum stess għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.